MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 421/2005

**Gasan Mamo Insurance Ltd – C3143 kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Paul Camilleri Fava (ID: 795859 M)
Vs
Francis Sultana (ID: 536279M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-8 ta' Frar, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 355.83 (tliet mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija u tlieta u tmenin ċenteżmu) rappreżentanti Danni kawżati f'inċident stradali fit-13 ta' Novembru, 2003 f'Ħal Balzan.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' teżmu) u dana in kwantu għas-somma ta' Lm54.80 (erbgħa u ħamsin lira Maltija u tmenin ċenteżmu) lis-soċjeta' attriċi assikuratriċi u in

kwantu għas-somma ta’ tliet mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm 355.83) rappreżentanti danni kaġunati f’inċident awtomobilistiku tat-13 ta’ Novembru, 2003 fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, Balzan, bejn il-vettura bin-numru EBY 601 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru DAB 226 misjuqa minn Elisabeth Ann Camilleri u propjeta’ ta’ l-assikurat tas-soċjeta’ attriċi, liema vettura kienet assikurata taħt polza comprehensive mas-soċjeta’ attriċi u li għaldaqstant għamlet tajjeb għad-danni kkaġunati fuq il-vettura ta’ l-asssikurat tagħha, liema nċident seħħ unikament tort tal-konvenut minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu.

Interpellat sabiex iħallas permezz ta’ ittra uffiċjali datata 3 ta’ Diċembru, 2004 il-konvenut baqa’ inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 25) excess imħallsa mill-assikurat tas-soċjeta’ attriċi, Paul Camilleri Fava, li kien assikurat taħt polza comprehensive mas-soċjeta’ attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-3 ta’ Diċembru, 2004, u ta’ l-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma’ dan l-avviż kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imgħax pagabbli mit-3 ta’ Diċembru, 2004 sal-ġurnata tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Francis Sultana fejn ingħad :-

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li l-eċċipjenti mhux responsabbli għall-ħsarat allegati mill-atturi;

2. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont pretiż huwa eċċessiv u għalhekk huwa wkoll kontestat;

3. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi ma ġiex kontestat da parti tal-konvenut illi fil-mument ta’ l-allegat inċident kif allegat mill-atturi huwa kien fuq dik ir-rotta u huwa kien għaddej minn dik it-triq partikolari fejn seħħ l-inċident u ċioe’ fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, Balzan. Li huwa kontestat ma ġiet kaġunata l-ebda ħsara.

Li kien għaddej minn dak il-perjodu jirrizulta da parti ta’ l-Enforcement Officers ta’ l-Awtorita` tat-Transport. Jibqa’ l-fatt li kellhom jipprovaw l-atturi jekk effettivament ġratx ħsara jew le. Kienet daqqa pjuttost żgħira fejn xarabank għaddiet zbrixx ma’ vettura oħra li waqfet biex tagħti preċedenza lix-xarabank biex tgħaddi u dana għadda u ikkaġuna ħsara fil-vettura li tagħtu preċendeza biex jgħaddi.

Huwa veru kif stqarr PS 1122 illi l-konvenut innega l-inċident li meta dar ix-xarabank ma kien hemm l-ebda ħsara fih pero` dan ma jfissirx illi apparti l-kwistjoni ta’ ċaħda ta’ responsabbilta` illi t-trakk ma laqatx l-istess vettura.

Di fatti l-assigurata tas-soċjeta` attriċi mill-ewwel waqfet u ħabba l-inċident ħadet in-numru u rrintraċċaw l-istess xarabank.

Il-fatt illi ma nstabu l-ebda ħsarat fix-xarabank, meta wiehed iqis il-kobor u l-qisien ta’ xarabank ma’ vettura li kif qed tissejjaħ “light car” qarsa zgħira hija biżżejjed biex tiġbed ġenb ta’ vettura.

Illi d-danni ma ġewx kontestati u qed jiġu akkordati anchor che t-Tribunal iħoss illi l-atturi irnexxilhom jippruvaw il-każ tagħhom fuq bilanċ ta’ probabilita`.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ tlett mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija u tletin ċenteżmu (Lm 355.30) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------